## QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta’ Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 265 / 16RGM

Kawza fil-lista:

**A B**
**vs**
**L-Avukat Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia li permezz ta’ digriet datat 16 ta’ Frar 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu bic-civil fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Mejju tal-elfejn u tlieta (2003) u sussegwentement fl-ghaxra (10) ta' Settembru tal-elfejn u hamsa (2005) zzewwgu bil-knisja;

2. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Roland Wadge datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u erbatax (2014);

3. Illi miz-zwieg tal-partijiet twieldu zewgt (2) itfal u cioe' Natalia li twieldet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Dicembru tal-elfejn u wiehed (2001) u Jerome li twieled fis-sitta u ghoxrin ta' Ottubru tal-elfejn u sitta (2006) u dunque ghadhom minorenni;

4. Illi skont il-klawzola numru 6(i), il-kura u l-kustodja tal-minuri tinsab fdata f’idejn l-attrici u l-minuri ghandhom jghixu maghha;

5. Illi l-klawzola numru 6(ii) tistipula dan li gej:

The Parties declare that the Minor children shall possess a separate passport. The passport so issued to the Minor children shall be held by the wife and the Husband is hereby authorising the wife to do / sign all that is necessary on his behalf to obtain such passports. This stipulation shall be construed inter alia as imposing upon the Husband the obligation to maintain a valid passport for their Minor children at all times, which that in the event that he withholds his consent for the issue or renewal of the passport, the wife shall be entitled to seek authorisation from the competent court to procure the issue of such passport notwithstanding the absence of her Husband's consent;

1. Illi l-intenzjoni tal-partijiet meta ffirmaw l-imsemmi kuntratt kienet illi l-attrici tkun tista' tapplika u/jew igedded il-passaport tal-minuri minghajr il-bzonn tal-kunsens tal-intimat;

2. Illi nonostante dan, meta wiehed ihares lejn it-tieni u t-tielet sentenzi tal-klawzola su citata huwa evidenti illi dawn huma konfliggenti fis-sens taghhom;

3. Illi ghalhekk l-attrici qieghda ssib problema meta tigi biex tapplika u/jew iggedded il-passaporti tal-minuri mal-awtoritajiet ikkoncernati stante l-fatt illi dawn qieghdin jirrifjutaw illi jgeddu u/jew johorgu il-passaporti tal-minuri minghajr il-firma tal-intimat;

4. Illi l-intimat ilu mill-elfejn u erbatax (2014) ma jhallas il-mantenirnent minnu dovut ghall-minuri lill-attrici ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq citat u ghalhekk permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (sede Kriminali) huwa gie kkundannat iservi perjodu l-habs;

5. Illi l-intimat appella din id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (sede Kriminali) u fil-frattemp harab minn Malta u barra mill-Ewropa sabiex jevita illi jmur il-habs;

6. Illi l-intimat issa ilu zmien twil assenti minn Malta u l-attrici m'ghandhiex indirizz tieghu ghalhekk m'hijiex f’posizzjoni illi tottjeni l-firma tieghu li hija rikjesta mill-awtorirajiet ikkoncernati ghal-applikazzjoni u/jew tigdid tal-Passaport tal-minuri;

7. Illi dan qieghed johloq inkonvenjent serju lill-attrici li ma tistax tapplika u/jew igedded il-passaport tal-minuri, u dan dejjem a detriment tal-minuri ghaliex f’kaz ta' emergenza jekk l-attrici jkollha bzonn issiefer bil-minuri din mhux ser

tkun tista' taghmel dan ghaliex il-minuri mhux ser ikollhom passaport validu f'isimhom;

8. Illi l-esponenti giet awtorizzata tmexxi bil-prezenti istanza u dan permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti numru elfejn seba' mija u sebgha u ghoxrin tal-elfejn u sittax (2727/16), datat l-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u sittax (2016);

9. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant ir-rikorrent titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikkjara u tiddeciedi li huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-attrici tkun tista' tapplika mill-gdid u/jew igedded il-passaport tal-minuri wliedha minghajr il-kunsens tal-intimat;

2. Tiddikkjara u tiddeciedi illi ghal fini ta' kjarezza ikun fl-ahjar interess tal-minuri illi jigi stipulat ukoll illi l-minuri jistghu jsiefru bil-kunsens biss tal-attrici u minghajr il-kunsens tal-intimat;

3. Tvarja l-klawzola numru 6(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fis-sens illi din tigi taqra:

The Parties declare that the Minor Children shall possess a separate passport. The passport so issued to the Minor Children shall be held by the wife and the Husband is hereby authorising the wife to do / sign all that is necessary on his behalf to obtain and/or renew such passport. This stipulation shall be constructed inter alia such that the wife shall be able to apply for the issuance and/or renewal of the passport for the Minor children without the consent of the Husband. Moreover the Parties further agree that the Minor children only require the consent of the wife to leave Malta and that the Husband's consent shall not be required.

4. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni relattiv ghall-kuntratt in atti tan-Nutar Roland Wadge datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u erbatax (2014) kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedenti u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru fuq dan l-att minflok l-intimat jekk dan ikun assenti u tappunta data u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

U dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet moghti ‘seduta stante’ fl-24 ta’ Mejju 2017 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attrici biex wahedha tapplika ghall-passaport permanenti taz-zewg minuri, Natalia B li twieldet fil-25 ta’ Dicembru 2001 u Jerome B li twieled fis-26 ta’ Ottubru 2006, kif ukoll li wahedha tirtira z-zewg passaporti minnghajr il-htiega tal-firma tal-missier u li z-zewg minuri setghu jsiefru maghha;

Rat r-risposta tal-konvenuti kuraturi li ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghall-kawza u talbu li jinghataw l-indirizz tal-konvenut mill-attrici biex jkunu jistghu jikkommunikaw mieghu;

Rat il-verbal tal-11 ta’ Lulju 2017 fejn l-avukat tal-attrici ddikjarat li l-istess attrici ma ghandhiex provi aktar xi tressaq u ghamlet referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata taghha fir-rikors promotur u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu.

IL-PROVI.

L-attrici ddikjarat li ma ghandha xejn xi zzid ma' dak minnha ikkonfermat fir-rikors promotorju. Hi zzewwget lill-konvenut bir-Registru fid-29 ta’ Mejju 2003 u bil-Knisja fl-10 ta’ Settembru 2005.

Huma sseparaw b’kuntratt ippubblikat min-Nutar Roland Wadge fl-24 ta’ Frar 2014. Kellhom zewgt itfal Natalia li twieldet fil-25 ta’ Dicembru 2001 u Jerome li twieled fis-26 ta’ Ottubru 2006.u li allura ghadhom it-tnejn minorenni.

Skond klawsola 6(1) tal-imsemmi kuntratt il-kura u kustodja tal-minuri giet fdata f’idejn l-attrici u l-minuri ghandhom jghixu maghha.

Dwar il-passaporti tal-minuri, l-partijiet ftehemu (,klawzola 6(11)) li z-zewg minuri kellu jkollhom passaport separat u li dan kellu jinzamm mill-attrici u l-konvenut awtorizza lill-attrici biex tiffirma f’ismu dak kollu necessarju biex jigu akkwistati l-istess passaporti. Il-partijiet qablu li dan ifisser li l-konvenut kien qed jassumi l-obbligu li f’kull hin t-tfal ikollhom passaport validu. Fl-istess klawsola jinghad li jekk il-konvenut ma jaghtix il-kunsens tieghu ghall-hrug jew ghat-tigdid tal-passaport, l-attrici jkollha d-dritt li titlob l-awtorizzazjoni mill-Qorti kompetenti biex tassikura l-hrug tal-passaport nonostanti l-assenza tal-kunsens tal-konvenut.

L-attrici kkonfermat li l-intenzjoni tal-partijiet fuq il-kuntratt kienet li l-istess attrici setghet tapplika ghall-hrug jew ghat-tigdid tal-passaporti minghajr il-htiega tal-kunsens tal-konvenut, pero' billi l-ahhar parti tal-istess klawsola hi inkonsistenti mal-ewwel parti, hi qed jkollha diffikolta' meta tigi biex tapplika jew biex iggedded il-passaport tal-minuri billi l-awtoritajiet kompetenti qed jirrifjutaw li johorgu jew iggeddu l-passaport tal-minuri minghajr il-firma tal-konvenut.

L-attrici kkonfermat li l-konvenut ilu ma jhallas il-manteniment ghall-minuri miftiehem fl-istess kuntratt mis-sena 2014, ittiehdu proceduri kriminali kontrih u gie kkundannat jservu perjodu ta' detenzjoni fil-habs. Hu, pero' appella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati u fil-pendenza tal-appell harab minn Malta u mar x'imkien barra l-Ewropa biex jevita il-piena karcerarja.

Hi kkonfermat li l-konvenut issa ilu zmien twil nieqes minn Malta u billi ma ghandhiex l-indirizz tieghu m'hiex f'posizzjoni li takkwista l-firma tieghu kif qed tigi mitluba mill-awtoritajiet kompetenti ghall-hrug jew tigdied tal-passaporti tal-minuri. Dan jikkostitwixxi pregudizzju serju ghall-attrici u ghall-istess minuri, billi jekk f'kaz ta' emergenza jkollha bzonn izsiefer bil-minuri, dan ma tkunx tista' taghmlu jekk il-minuri ma jkollhomx passaport validu f'isimhom.

L-attrici ghalhekk qed titlob li l-klawsola imsemmija fil-kuntratt tas-separazzjoni ghandha tigi emendata fis-sens li jigi esplicitament dikjarat li l-kunsens tal-konvenut mhux necessarju ghall-hrug jew ghat-tigdid tal-passaporti taz-zewg minuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-**Artikolu 149 tal-Kap 16** jipprovdi li:

" B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tfal".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kaz in ezami, d-diffikolta' li sabet ruhha fiha l-attrici hi problema li tikkoncerna direttament liz-zewg minuri aktar milli ghall-istess attrici. Indubbjament mhux ta' gid ghall-minuri li ma jkollhomx passaport validu, billi l-

htiega li wiehed jkollu bzonn isiefer anke b'urgenza ghar-ragunijiet medici tista' dejjem tinqala' u hadd ma jista' jipprevedi meta. Apparti l-urgenzi medici t-tfal ma ghandhomx jigi prekluzi mill-possibilita' li jsiefru ghall-vakanza jew anke mal-iskola fuq xi vjagg edukattiv.

Fiz-zmien meta gie iffirmat il-kuntratt tas-separzzjoni personali, il-partijiet kienu qed jassumu, stante l-obbligu tal-manteniment, li l-konvenut kien ser ikun jirrisjedi f'Malta, u dwar il-hrug jew tigdid tal-passaporti qablu li dan kien responsabilita' tal-omm biss billi l-missier awtorizzaha tiffirma f'ismu kull dokument necessarju ghall-hrug jew tigdid tal-passaporti tat-tfal. Il-missier assuma l-obbligu li f'kull zmien jassikura li t-tfal jkollhom passaport validu.

Effettivament fil-klawsola imsemmija fil-kuntratt, l-attrici nghatat d-dritt li titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti kompetenti, fil-kaz li r-ragel jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu,( in the event that he withholds his consent). Fil-fatt ma jirrizultax li l-konvenut qed jopponi ghall-hrug jew ghat-tigdid tal-passaporti tat-tfal, dan illum, skond l-attrici,  harab minn Malta, u l-attrici ma tafx fejn jinsab.

Oggettivament il-klawzola in kwistjoni tista', kif jirrizulta li ghamlet, taghti lok ghall-ekwivoku, li biex jigi evitat ghandu jinghad, kif qed jigi propost, li l-kunsens tal-konvenut mhux rikjest jew necessarju.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li hu fl-ahhjar interess tat-tfal illi hi tkun tista' tapplika mill-gdid u/jew igedded il-passaporti tal-minuri minghajr il-kunsens tal-konvenut;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attrici u tiddikjara li ghall-fini ta' kjarezza jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jigi stipulat li l-minuri jistghu jsiefru bil-kunsens biss tal-attrici u minghajr il-kunsens tal-konvenut;

3. Tilqa' it-tielet talba tal-attrici, tordna li klawsola numru 6(ii) tal-kuntratt ta'separazzjoni fuq imsemmi tigi mhassra u sostitwita bis-segwenti klawsola:

"The Parties declare that the Minor Children shall possess a separate passport. The passport so issued to the Minor Children shall be held by the Wife and the Husband is hereby authorizing the Wife to do/sign all that is necessary on his behalf to obtain and/or renew such passport. This stipulation shall be construed inter alia such that the Wife shall be able to apply for the issuance and/or renewal

of the passport for the Minor Children without the consent of the Husband. The Minor Children only require the consent of the Wife to leave Malta and that the Husband's consent shall not be required."

4. Tilqa' ir-raba' talba tal-attrici u tinnomina lin-Nutar Dottor Roland Wadge sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni ghall-kuntratt ippubblikat minnu fl-24 ta' Frar 2014 u tinnomina lill-Avukat Dr Phyllis Aquilina bhala kuratur sabiex tidher fuq l-istess att fil-kontumacja tal-konvenut. Il-kuntratt ghandu jigi ppubblikat mhux aktar tard minn xahar millum fl-edificju tal-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi u spejjez fuq il-kuntratt ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**